

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 5



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

9 ta' Jannar 2009

Werrej

I Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 13/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni u (KE) Nru 1234/2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Regolament Waħdieni dwar l-OKS) biex tiġi stabbilita Skema ta' Frott għall-Iskejjel** 1
- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 14/2009 tat-8 ta' Jannar 2009 li jstabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 5

Werrej (ikompli)

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

Kummissjoni

2009/9/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-esklużjoni tan-nikotina fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza** (notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7714) ⁽¹⁾ 7

Nota lill-qarrej (Ara paġna 3 tal-qoxra)



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 13/2009

tat-18 ta' Diċembru 2008

li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni u (KE) Nru 1234/2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Regolament Waħdieni dwar l-OKS) biex tiġi stabbilita Skema ta' Frott għall-Iskejjel

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Frott għall-Iskejjel tilħaq l-objettivi tal-PAK, inklużi l-promozzjoni tal-qligħ fl-agrikoltura, l-istabbilizzazzjoni tas-swieq u d-disponibbiltà tal-provvisti attwali kif ukoll futuri.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

(3) Skont l-Artikolu 35(b) tat-Trattat, tista' ssir dispożizzjoni għal miżuri konġunti fil-qafas tal-PAK, bħal pereżempju Skema ta' Frott għall-Iskejjel, sabiex tippromwovi l-konsum ta' ċerti prodotti.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

(4) Barra dan, l-Artikolu 152(1) tat-Trattat jeħtieġ li "livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki kollha Komunitarji". Il-benefiċċji ċari għas-saħħa ta' Skema ta' Frott għall-Iskejjel jindikaw li hija arranġament li għandhom jiġu integrati fl-implimentazzjoni tal-PAK.

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007 ⁽²⁾, li jstabbilixxi regoli speċifiċi rigward is-settur tal-frott u l-ħaxix, ippreveda riforma wiesgħa f'dak is-settur sabiex tiġi promossa l-kompettività u l-orjentament tiegħu u sabiex iqarrbu iktar lejn il-bqija tal-politika agrikola komuni (PAK) riformata. Wieħed mill-objettivi ewlenin tar-reġim riformat hu li jitreggħa' lura it-tnaqqis fil-konsum tal-frott u l-ħaxix.

(5) Għalhekk għandha ssir dispożizzjoni għal għajjnuna Komunitarja biex tikkofinanzja l-provvista lil tfal fi stabbilimenti edukattivi ta' ċerti prodotti sani fis-setturi tal-frott u l-ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u tal-banana u wkoll biex tikkofinanzja ċerti spejjeż relatati mal-loġistika, id-distribuzzjoni, it-tagħmir, il-komunikazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

(2) Hu mixtieq li jiġi indirizzat il-konsum baxx tal-frott u l-ħaxix fost it-tfal billi jiżdied għal żmien twil is-sehem tal-frott u l-ħaxix fid-dieti tat-tfal fl-istadju meta jkunu qed jissawru d-drawwiet tagħhom tal-ikel. Il-forniment tal-għajjnuna Komunitarja taħt Skema tal-Frott għall-Iskejjel sabiex jiġu pprovduti prodotti tal-frott, tal-ħaxix u tal-banana lit-tfal fi stabbilimenti edukattivi għandu jnissel fil-konsumaturi tfal l-apprezzament għall-frott u l-ħaxix u b'hekk itejjeb il-konsum futur. Bħala riżultat, l-Iskema ta'

(6) L-Iskema Komunitarja ta' Frott għall-Iskejjel għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe skema nazzjonali ta' frott għall-iskejjel li tirrispetta l-liġi Komunitarja, sabiex jinżammu l-benefiċċji ta' skemi bħal dawn. Għandha tirrispetta d-diversità tas-sistemi edukattivi tal-Istati Membri. Għalhekk, l-istabbilimenti edukattivi li jibbenifikaw mill-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel jistgħu jinkludu skejjel tat-trabi, stabbilimenti oħrajn ta' qabel l-iskola, skejjel primarji u sekondarji.

⁽¹⁾ L-Opinjoni tat-18 ta' Novembru 2008, għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 273, 17.10.2007, p. 1.

- (7) L-Istati Membri li huma lesti li jipparteċipaw fl-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel għandhom ikunu jistgħu, minbarra l-għajnuna Komunitarja, jagħtu għajnuna nazzjonali għall-provvista tal-prodotti sani u għal ċerti spejjeż relatati. Miżuri ta' akkumpanjament ser ikunu meħtieġa sabiex l-iskema tkun effettiva, li fir-rigward tal-finanzjament tagħhom l-Istati Membri għandhom għalhekk jkunu jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali. Fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji, l-Istati Membri għandu jkollhom l-ħila li jbiddu l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom għall-iskema ta' Frott għall-Iskejjel b'kontribuzzjonijiet mis-settur privat.
- (8) Sabiex jiżguraw implimentazzjoni ordnata tal-iskema ta' Frott għall-Iskejjel, l-Istati Membri, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, li jixtiequ jagħmlu użu minnha għandhom ifasslu strateġija minn qabel.
- (9) L-iskema m'għandhiex tkopri prodotti mhux sani li fihom, pereżempju, persentaġġ għoli ta' xaħam jew zokkor miżjud. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tfassal lista ta' prodotti jew ingredjenti li għandhom ikunu esklużi mill-iskema ta' Frott għall-Iskejjel. Altrimenti, m'għandux ikun hemm indħil bla bżonn fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-għażla tagħhom ta' prodotti. B'hekk huma għandhom ikunu jistgħu jibbażaw l-għażla tagħhom ta' prodotti eliġibbli fuq kriterji oġġettivi inklużi l-istaġjonalità, id-disponibbiltà ta' prodotti u l-kwistjonijiet ta' tħassib ambjentali. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħtu preferenza għal prodotti ta' oriġini Komunitarja. Biex ikunu ċari, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-lista ta' prodotti eliġibbli taħt l-iskema tagħhom meta jfasslu l-istrateġiji tagħhom.
- (10) Fl-interess ta' amministrazzjoni u ġestjoni baġitarja sodi, l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-iskema għandhom japplikaw kull sena għal għajnuna Komunitarja. Wara t-talbiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-allokazzjonijiet definittivi, skont l-approprijazzjonijiet disponibbli fil-baġit.
- (11) L-għajnuna Komunitarja għandha tkun allokata lil kull Stat Membru abbażi ta' kriterji oġġettivi msejsa fuq il-proporzjon ta' tfal tagħhom fil-grupp ta' mira ċentrali ta' bejn is-sitta u l-għaxar snin. Dan il-grupp ta' din l-età ntgħażel minħabba raġunijiet baġitarji, iżda wkoll minħabba li d-drawwiet tal-ikel jissawru f'eta żgħira. Madankollu, id-daqs demografiku limitat ta' Stat Membru m'għandux iżommu milli jimplementa skema kost effettiva. Għalhekk, kull Stat Membru parteċipanti għandu jirċievi ammont minimu speċifikat ta' għajnuna Komunitarja.
- (12) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni baġitarja soda, għandhom jiġu previsti limitu fiss ta' għajnuna Komunitarja u rati massimi ta' kofinanzjament u l-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għall-iskema għandha tiżdied mal-lista ta' miżuri eliġibbli għall-finanzjament tal-FAEG stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ⁽¹⁾.
- (13) Wara li jkunu kkunsidrati id-diffikultajiet soċjali, strutturali u ekonomiċi tagħhom, ikun xieraq li tkun prevista rata ogħla ta' kofinanzjament fir-reġjuni eliġibbli taħt l-oġġettiv ta' Konverġenza skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni ⁽²⁾, u fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod msemmijin fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat.
- (14) Sabiex ma titnaqqasx l-effikaċja ġenerali tal-iskema ta' Frott għall-Iskejjel, l-għajnuna Komunitarja m'għandhiex tintuża biex tissostitwixxi l-finanzjament għal kwalunkwe skema nazzjonali eżistenti ta' frott għall-iskejjel jew skemi oħrajn ta' distribuzzjoni fl-iskejjel li jinkludu l-frott. Madankollu, il-kisbiet eżistenti tal-Istati Membri fl-introduzzjoni ta' skemi nazzjonali ta' frott għall-iskejjel għandhom jinżammu. Għalhekk, l-għajnuna Komunitarja għandha madankollu tkun disponibbli jekk Stat Membru biħsiebu li jestendi jew li jrendi aktar effettiva l-iskema diġà attwata li tkun normalment eliġibbli, bil-kondizzjoni li jiġu osservati ċerti rati massimi ta' kofinanzjament fir-rigward tal-proporzjon ta' għajnuna Komunitarja għall-finanzjament nazzjonali totali. F'dan il-każ, l-Istat Membru għandu jindika fl-istrateġija tiegħu kif huwa biħsiebu jestendi l-iskema tiegħu jew jagħmilha aktar effettiva.
- (15) Sabiex tippermetti li jkun hemm żmien għall-implimentazzjoni bla xkiel tal-iskema, din għandha tapplika mis-sena skolastika 2009-2010. Għandu jintbagħat rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha wara tliet snin.
- (16) Sabiex tagħmel l-iskema aktar effettiva, il-Komunità għandha tkun tista' tiffinanzja l-miżuri ta' informazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni li għandhom l-għan li jqajmu sensibilizzazzjoni pubblika dwar, u miżuri ta' netwerking relatati mal-iskema ta' Frott għall-Iskejjel u l-oġġettivi tagħha. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Komunità li tikkofinanzja, fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 ⁽³⁾, il-miżuri ta' akkumpanjament meħtieġa biex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-effetti pożittivi għas-saħħa mill-konsum ta' frott u ħaxix.
- (17) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-iskema tal-Frott għall-Iskejjel, inklużi regoli li jikkonċernaw l-allokazzjoni tal-għajnuna bejn l-Istati Membri, il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja, l-istrateġiji nazzjonali, l-ispejjeż relatati, miżuri ta' akkumpanjament u ta' informazzjoni, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u ta' netwerking.

⁽²⁾ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi (ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1).

⁽¹⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

(18) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007 ġew integrati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾ b'effett mill-1 ta' Lulju 2008 bir-Regolament (KE) Nru 361/2008 ⁽²⁾.

(19) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 1234/2007 għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, għandu jiżdied il-punt li ġej:

“(f) il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel kif imsemmi fl-Artikolu 103ga(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (*).”

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.”

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007

Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Fit-Taqsima IVa tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II:

(a) is-subtaqsima li ġejja għandha tiddaħħal wara l-Artikolu 103g:

“Subtaqsima IIa

Skema Ta' Frott Għall-Iskejjel

Artikolu 103ga

Għajnuna għall-provvista tal-prodotti tal-frott u l-ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u tal-banana lit-tfal

1. Taħt kondizzjonijiet li għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni, mis-sena skolastika 2009-2010 'l quddiem, l-għajnuna Komunitarja għandha tingħata għal:

(a) il-provvista, lit-tfal fi stabbilimenti edukattivi, inklużi skejjel tat-trabi, stabbilimenti oħrajn ta' qabel l-iskola, skejjel primarji u sekondarji, ta' prodotti tas-setturi tal-frott u l-ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat, u tal-banana; u

(b) ċerti spejjeż ta' loġistika relatati ma' distribuzzjoni, tagħmir, komunikazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni.

2. L-Istati Membri, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, li jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema għandhom ifasslu strateġija minn qabel għall-implimentazzjoni tagħha li jkun fiha, b'mod partikolari, il-baġit tal-iskema tagħhom inklużi: il-kontribuzzjonijiet Komunitarji u nazzjonali, it-tul ta' żmien, il-grupp ta' mira, il-prodotti eliġibbli u l-involviment tal-partijiet interessati rilevanti. Huma għandhom jipprevedu wkoll il-miżuri ta' akkumpanjament meħtieġa biex jagħmlu l-iskema effettiva.

3. Fit-tfassil tal-istrateġiji tagħhom, l-Istati Membri għandhom ifasslu lista ta' prodotti tas-setturi tal-frott u l-ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat, u tal-banana li jkunu eliġibbli taħt l-iskemi rispettivi tagħhom. Madankollu, din il-lista m'għandhiex tinkludi prodotti esklużi b'miżura adottata mill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 103h(f). Huma għandhom jagħżlu l-prodotti tagħhom abbażi ta' kriterji oġġettivi li jistgħu jinkludu l-istaġjonalità, id-disponibbiltà ta' prodotti u l-kwistjonijiet ta' tħassib ambjentali. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza għal prodotti ta' oriġini Komunitarja.

4. L-għajnuna Komunitarja msemmija fil-paragrafu 1 m'għandha la:

(a) teċċedi l-EUR 90 miljun kull sena skolastika, u lanqas

(b) teċċedi 50 % tal-ispejjeż tal-provvista u tal-ispejjeż relatati msemmija fil-paragrafu 1, jew 75 % ta' dawn l-ispejjeż fir-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (*), u fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod imsemmija fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat, u lanqas

(c) tkopri spejjeż oħrajn għajr l-ispejjeż tal-provvista u l-ispejjeż relatati msemmija fil-paragrafu 1.

5. L-għajnuna Komunitarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun allokata lil kull Stat Membru abbażi ta' kriterji oġġettivi bbażati fuq il-proporzjon tagħhom ta' tfal bejn is-sitta u l-għaxar snin. Madankollu, l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-iskema għandhom jirċievu mill-inqas EUR 175 000 ta' għajnuna Komunitarja kull wieħed. L-Istati Membri li jipparteċipaw fl-iskema għandhom japplikaw kull sena għall-għajnuna Komunitarja abbażi tal-istrateġija tagħhom. Wara t-talbiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-allokkazzjonijiet definittivi, skont l-approprijazzjonijiet disponibbli fil-baġit.

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(2) ĠU L 121, 7.5.2008, p. 1.

6. L-ghajjnuna Komunitarja msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhiex tintuża biex tissostitwixxi l-finanzjament għal kwalunkwe skema nazzjonali eżistenti ta' frott għall-iskejjel jew skemi oħrajn ta' distribuzzjoni fl-iskejjel li jinkludu l-frott. Madankollu, jekk Stat Membru diġà jkollu skema stabbilita li tkun eliġibbli għall-ghajjnuna Komunitarja taħt dan l-Artikolu u biħsiebu jestendiha jew jagħmilha aktar effettiva, inkluż fir-rigward tal-grupp ta' mira tal-iskema, it-tul ta' żmien tagħha jew il-prodotti eliġibbli, l-ghajjnuna Komunitarja tista' tingħata bil-kondizzjoni li l-limiti tal-paragrafu 4(b) ikunu osservati fir-rigward tal-proporzjon ta' ghajjnuna Komunitarja għall-kontribuzzjoni totali nazzjonali. F'dan il-każ, l-Istat Membru għandu jindika fl-istrateġija tiegħu kif huwa biħsiebu jestendi l-iskema tiegħu jew jagħmilha aktar effettiva.

7. L-Istati Membri jistgħu, minbarra l-ghajjnuna Komunitarja, jagħtu ghajjnuna nazzjonali għall-provvista tal-prodotti u l-ispejjeż relatati kif imsemmija fil-paragrafu 1. Dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu koperti wkoll bil-kontribuzzjonijiet mis-settur privat. L-Istati Membri jistgħu jagħtu wkoll ghajjnuna nazzjonali għall-finanzjament tal-miżuri ta' akkumpanjament kif imsemmija fil-paragrafu 2.

8. L-Iskema tal-Komunità ta' Frott għall-Iskejjel għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe skema nazzjonali distinta ta' frott għall-iskejjel li tkun kompatibbli mal-liġi tal-Komunità.

9. Il-Komunità tista' tiffinanzja wkoll, taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, miżuri ta' informazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni fir-rigward tal-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel, li jinkludu s-sensibilizzazzjoni pubblika dwarha, u miżuri ta' netwerking relatati.

(*) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.”;

(b) l-intestatura li ġejja għandha tiddaħħal qabel l-Artikolu 103h:

“Subtaqsima III

Dispożizzjonijiet proċedurali”;

(c) fl-Artikolu 103h, għandu jidded il-punt li ġej:

“(f) dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel kif imsemmija fl-Artikolu 103ga, li jinkludu: lista ta' prodotti jew ingredjenti li għandhom ikunu esklużi mill-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel, l-allokazzjoni definittiva tal-ghajjnuna bejn l-Istati Membri, il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja, u l-ispejjeż relatati, l-istrateġiji tal-Istati Membri, miżuri ta' akkumpanjament u ta' informazzjoni, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u ta' netwerking.”.

(2) Fl-Artikolu 180, “Artikolu 103ga” għandu jiddaħħal qabel “Artikolu 182”.

(3) Fl-Artikolu 184, għandu jiddaħħal il-punt li ġej:

“5. qabel il-31 ta' Awwissu 2012 lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel prevista fl-Artikolu 103ga, akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, bi proposti adatti. Ir-rapport għandu partikolarment jindirizza l-kwistjonijiet ta' kemm l-iskema ppromwoviet l-istabbiliment ta' Skemi ta' Frott għall-Iskejjel li jiffunzjonaw tajjeb fl-Istati Membri u l-impatt tal-Iskema fuq it-titjib tad-drawwiet tal-ikel tatfal.”.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARNIER

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 14/2009**tat-8 ta' Jannar 2009****li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Jannar 2009.

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ta' fid-9 ta' Jannar 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	MA	56,1
	TR	138,0
	ZZ	97,1
0707 00 05	JO	167,2
	MA	93,8
	TR	154,1
	ZZ	138,4
0709 90 70	MA	85,9
	TR	157,0
	ZZ	121,5
0805 10 20	BR	44,6
	CL	44,1
	EG	49,8
	IL	51,0
	MA	58,1
	TR	72,2
	ZA	44,1
	ZZ	52,0
	ZZ	52,0
0805 20 10	MA	64,4
	ZZ	64,4
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	CN	49,4
	IL	66,7
	TR	79,4
	ZZ	65,2
0805 50 10	EG	47,1
	MA	59,6
	TR	60,5
	ZZ	55,7
0808 10 80	CN	82,1
	MK	39,4
	US	110,7
	ZZ	77,4
0808 20 50	CN	88,0
	US	115,7
	ZZ	101,9

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Diċembru 2008

dwar l-esklużjoni tan-nikotina fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7714)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/9/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽¹⁾, u partikolarment ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jstipula li Stat Membru, matul perjodu ta' 12-il sena min-notifika ta' din id-Direttiva, jista' jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi mhux elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva li jkunu diġà jinsabu fis-suq sentejn wara d-data tan-notifika, filwaqt li dawn is-sustanzi jkunu qegħdin jiġu eżaminati bil-mod fil-qafas ta' programm ta' ħidma.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002⁽²⁾ u (KE) Nru 2229/2004⁽³⁾ jstipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jstabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-ħsieb tal-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista tinkludi n-nikotina.

(3) Għan-nikotina, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ġew ivvalutati skont id-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 1112/2002 u (KE) Nru 2229/2004 għal firxa ta' użi proposti min-notifikant. Barra minn hekk, daww ir-Regolamenti jaħtru lill-Istati Membri Relaturi li għandhom jippreżentaw ir-rapporti ta' valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004. Għan-nikotina l-Istat Membru Relatur kien ir-Renju Unit u tagħrif kollu rilevanti kien ippreżentat f'Janjar 2008.

(4) Il-Kummissjoni investigat in-nikotina skont l-Artikolu 24a tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004. Abbozz tar-rapport tar-reviżjoni għal dik is-sustanza ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ġie ffinalizzat fis-26 ta' Settembru 2008 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni.

(5) Matul l-analiżi ta' din is-sustanza attiva mill-Kumitat, ġie konkluż, filwaqt li ttieħdu inkunsiderazzjoni l-kummenti li waslu mingħand l-Istati Membri, li l-evidenza eżistenti mhijiex biżżejjed biex turi użu bla periklu fir-rigward tal-operaturi, il-ħaddiema, il-persuni preżenti u l-konsumaturi. Barra minn dan, tħassib ieħor identifikat mill-Istati Membri relaturi fir-rapport ta' valutazzjoni tagħha hu inkluż fir-rapport ta' reviżjoni għas-sustanza.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 168, 27.6.2002, p. 14.

⁽³⁾ ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13.

- (6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant biex iressaq il-kummenti tiegħu dwar ir-riżultati tar-reviżjoni *inter pares* u dwar jekk kienx biħsiebu jappoġġja s-sustanza b'mod ulterjuri jew le. In-notifikant ressaq il-kummenti tiegħu li ġew investigati bir-reqqa. Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa min-notifikant, it-tħassib identifikat ma setax jitneħħa, u l-valutazzjonijiet li saru fuq il-bażi tat-tagħrif ippreżentat ma wrewx li jista' jiġi mistenni li, fil-kundizzjonijiet ta' użu proposti, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom in-nikotina jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (7) Għalhekk in-nikotina ma għandhiex tiġi inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (8) Għandhom jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li awtorizzazzjonijiet mogħtija għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom in-nikotina jiġu rtirati f'perjodu ta' żmien preskritt u li ma jiġġeddux u li ma tingħata l-ebda awtorizzazzjoni ġdida għal prodotti bħal dawn.
- (9) Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti minn Stat Membru għar-rimi, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom in-nikotina, għandu jkun limitat għal perjodu ta' tnax-il xahar biex jippermetti li l-ħażniet eżistenti jiġu wżati fi staġun ieħor tat-tkabbir, li jiżgura li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom in-nikotina jistgħu jibqgħu disponibbli għall-bdiewa sa 18-il xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (10) Din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għan-nikotina skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jstipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jaġhmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I⁽¹⁾ tagħha, bil-ħsieb ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I tagħha.
- (11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

In-nikotina ma għandhiex tiġi inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) l-awtorizzazzjonijiet għal protezzjoni tal-pjanti li fihom in-nikotina jiġu rtirati sat-8 ta' Ġunju 2009;
- (b) l-ebda awtorizzazzjoni għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom in-nikotina mhija se tingħata jew tiġġedded mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi mhux aktar tard mit-8 ta' Ġunju 2010.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 8 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

NOTA LILL-QARREJ

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.